Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat dwar l-Ambjent, il-Klima u s-Sigurtà tal-Ikel
Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

2023/0284(COD)

24.2.2025

EMENDI
1425 - 1658

Abbozz ta' rapport
Jens Gieseke, Paulius Saudargas
(PE768.004v01-00)

Ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u l-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u t-tħassir tad-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE

Proposta għal regolament
(COM(2023)0451 – C9-0308/2023 – 2023/0284(COD))

Emenda 1425
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha, sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta att delegat li jistabbilixxi l-miri għal vetturi elettriċi bil-batterija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' vetturi elettriċi, il-batterija tat-trazzjoni tikkostitwixxi parti sostanzjali mill-piż totali. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġu stabbiliti miri differenzjati biex iqisu dan l-impatt.

Emenda 1426
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-piż tal-plastik riċiklat u l-piż totali tal-plastik imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 huma mifhuma li huma mingħajr elastomers u materjali li jibbiesu bis-sħana (ħlief il-fowms tal-poliuretan)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tinżamm koerenza mat-test.

Emenda 1427
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-livelli xierqa għall-istabbiliment ta' mira għall-użu mill-ġdid ta' parts tal-vetturi.

Or. en

Emenda 1428
Matthieu Valet, Valérie Deloge, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu mira annwali għar-riċiklaġġ tal-plastik ta' mill-inqas 30 % tal-piż totali tal-plastik li jinsab fil-vetturi kkonsenjati lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1429
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu mira annwali għar-riċiklaġġ tal-plastik ta' mill-inqas 30 % tal-piż totali tal-plastik li jinsab ***fil-vetturi kkonsenjati lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart***.	2. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 60 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu mira annwali għar-riċiklaġġ tal-plastik ta' mill-inqas 30 % tal-piż totali tal-plastik li jinsab ***f'vetturi li ma għadhomx jintużaw***.

Or. en

Emenda 1430
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara ***60*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu mira annwali għar-riċiklaġġ tal-plastik ta' mill-inqas 30 % tal-piż totali tal-plastik li jinsab fil-vetturi kkonsenjati lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart.	2. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu mira annwali għar-riċiklaġġ tal-plastik ta' mill-inqas 30 % tal-piż totali tal-plastik li jinsab fil-vetturi kkonsenjati lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart.

Or. en

Emenda 1431
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà li tistabbilixxi miri ta' riċiklaġġ separati speċifiċi għall-materjali għal materja prima kritika.
	Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu miri ta' użu mill-ġdid separati mill-miri ta' riċiklaġġ u rkupru.

Or. en

Emenda 1432
Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex iwieġbu għall-objettivi l-ġodda tal-livelli ta' kontenut riċiklat aktar restrittivi, l-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom jippromwovu u jsostnu l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp industrijali f'dak li jirrigwarda t-teknoloġiji ta' riċiklaġġ innovattivi, b'mod partikolari r-riċiklaġġ kimiku, għall-ipproċessar tal-materjali li joħorġu mill-vetturi fl-aħħar tal-ħajja tagħhom, b'mod li jikkumplimenta l-proċeduri ta' riċiklaġġ mekkaniku eżistenti.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-riċiklaġġ kimiku -jew permezz ta' piroliżi- joffri soluzzjonijiet avvanzati u sostenibbli għall-ipproċessar ta' materjali kumplessi bħall-plastik imħallat tal-vetturi, li jridu jissodisfaw rekwiżiti stretti f'dak li jirrigwarda s-sikurezza, ir-reżistenza għas-sħana u l-kwalità. Dan il-proċess jirrappreżenta opportunità ġdida ta' industrijalizzazzjoni għas-settur, u jikkumplimenta l-kapaċitajiet industrijali li joffri r-riċiklaġġ mekkaniku, li saru insuffiċjenti minħabba r-rekwiżiti l-ġodda tar-riċiklaġġ.

Emenda 1433
Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament] l-Istati Membri għandhom jiżguraw li mill-inqas 50 % tal-fluwidi tas-sistema tal-arja kundizzjonata li jinsabu fil-vetturi li jaslu għand l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jiġu reklamati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun żgurat li d-disponibbiltà adegwata ta' refriġerant riċiklat tilħaq il-miri tal-2030 u tal-2035, għandha tiġi stabbilita rata armonizzata ta' riċiklaġġ ta' refriġeranti fil-vetturi tal-UE.

Emenda 1434
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha twettaq

valutazzjoni ta' miri ta' riċiklaġġ separati speċifiċi għall-materjali għal materja prima kritika kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2024/1252.

Or. en

Emenda 1435
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 35	***imħassar***
Projbizzjoni fuq ir-rimi fil-landfills ta' skart mhux inerti	
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] frazzjonijiet minn vetturi li ma għadhomx jintużaw imqattgħin u li fihom skart mhux inerti, li ma jiġux ipproċessati bit-teknoloġija postshredder, ma għandhomx jiġu aċċettati f'landfill.	

Or. pl

Emenda 1436
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi ***mar-***	1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi ***mar-***

Regolament (KE) Nru 1013/2006.	***Regolamenti (UE) 2024/1157 u (KE) Nru 1418/2007***.

Or. en

Emenda 1437
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (KE) ***Nru 1013/2006***.	1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (KE) ***Nru 2024/1157***.

Or. en

Emenda 1438
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (***KE***) ***Nru 1013/2006***.	1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (***UE***) ***2024/1157***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità mar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart (UE) 2024/1157 tal-UE hija essenzjali biex tipproteġi s-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u l-industrija Ewropea. L-esportazzjonijiet tal-iskart għandhom jokkorru biss meta l-pajjiżi riċevituri jissodisfaw standards Ewropej ekwivalenti u jiżguraw irkupru tal-materjal effiċjenti. Dan jipprevjeni dannu ambjentali, isaħħaħ standards tal-immaniġġar tal-iskart globali ogħla u jissalvagwardja l-kompetittività ta' industriji Ewropej.

Emenda 1439
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (***KE***) ***Nru 1013/2006***.	1. It-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw jista' jsir barra mill-Unjoni, dment li l-vjeġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ikun konformi mar-Regolament (***UE***) ***2024/1157***.

Or. en

Emenda 1440
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sabiex jiddistingwu bejn vettura użata u skart u vettura li ma għadhiex tintuża, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif iddefiniti fl-Artikolu -37 jistgħu jispezzjonaw vjeġġi ta' vetturi użati suspettati li huma vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness I u jimmonitorjaw vjeġġi bħal dawn kif xieraq.

Or. en

Emenda 1441
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Meta l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jistabbilixxu li vjeġġ maħsub ta' vetturi użati jikkonsisti minn vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-kostijiet ta' analiżijiet, spezzjonijiet u ħżin xierqa ta' vetturi użati suspettati li huma vetturi li ma għadhomx jintużaw jistgħu jiġu imposti fuq il-produtturi, fuq partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew fuq persuni oħra li jorganizzaw il-vjeġġ.

Or. en

Emenda 1442
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ***meqjusa*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1443
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ***meqjusa*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1444
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ***meqjusa*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità mar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart (UE) 2024/1157 tal-UE hija essenzjali biex tipproteġi s-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u l-industrija Ewropea. L-esportazzjonijiet tal-iskart għandhom jokkorru biss meta l-pajjiżi riċevituri jissodisfaw standards Ewropej ekwivalenti u jiżguraw irkupru tal-materjal effiċjenti. Dan jipprevjeni dannu ambjentali, isaħħaħ standards tal-immaniġġar tal-iskart globali ogħla u jissalvagwardja l-kompetittività ta' industriji Ewropej.

Emenda 1445
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-kliem fir-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart.

Emenda 1446
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-bniedem u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1447
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ***ġeneralment*** ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa ***tal-bniedem*** u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.	2. Il-vjeġġi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw mill-Unjoni lejn pajjiż terz f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu biss lejn l-issodisfar tal-obbligi u l-miri stabbiliti fl-Artikolu 34 jekk l-esportatur tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw jipprovdi prova dokumentarja approvata mill-awtorità kompetenti tad-destinazzjoni li turi li dan it-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u għar-rekwiżiti tas-saħħa u tal-protezzjoni tal-ambjent stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 1448
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għall-finijiet li titwettaq il-valutazzjoni tal-ekwivalenza, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, flimkien mal-gwida internazzjonali msemmija fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, kif emendat mir-Regolament (UE) 2024/1157.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konformità mar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart (UE) 2024/1157 tal-UE hija essenzjali biex tipproteġi s-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u l-industrija Ewropea. L-esportazzjonijiet tal-iskart għandhom jokkorru biss meta l-pajjiżi riċevituri jissodisfaw standards Ewropej ekwivalenti u jiżguraw irkupru tal-materjal effiċjenti. Dan jipprevjeni dannu ambjentali, isaħħaħ standards tal-immaniġġar tal-iskart globali ogħla u jissalvagwardja l-kompetittività ta' industriji Ewropej.

Emenda 1449
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex titwettaq il-valutazzjoni tal-ekwivalenza, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-gwida internazzjonali msemmija fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2024/1157.

Or. en

Emenda 1450
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Kapitolu V – Taqsima 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Taqsima 1	***imħassar***
L-istatus tal-vetturi użati	
Artikolu 37	
Distinzjoni bejn vetturi użati u vetturi li ma għadhomx jintużaw	
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ta' tħassir tnaqqas il-piżijiet burokratiċi, tissimplifika t-tranżazzjonijiet tal-vetturi u tevita regolamenti żejda. Il-liġijiet eżistenti tal-affidabilità stradali u tal-ispezzjoni diġà jiżguraw is-sikurezza tal-vetturi, u jneħħu l-ħtieġa ta' verifika addizzjonali. Ix-xerrejja jistgħu jivvalutaw il-kundizzjonijiet tal-vetturi b'mod indipendenti permezz ta' spezzjonijiet u rapporti tal-istorja. L-eliminazzjoni ta' dan ir-rekwiżit tipproteġi d-drittijiet tal-proprjetà, tappoġġja l-effiċjenza tas-suq u tipprevjeni sorveljanza regolatorja eċċessiva f'bejgħ privat.

Emenda 1451
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 36a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 36a
	Awtoritajiet kompetenti
	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-obbligi skont dan il-Kapitolu.
	2. Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe bidla fl-ismijiet jew fl-indirizzi ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 1452
Christine Singer, Andreas Glück

Proposta għal regolament
Artikolu 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 37	***imħassar***
Distinzjoni bejn vetturi użati u vetturi li ma għadhomx jintużaw	
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet	

kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

For the purpose of preventing the export of end-of-life vehicles from the EU as well as avoiding the illegal disposal of end-of-life vehicles, no regulation is needed that restricts the sale of used vehicles or parts within the EU. The reference to the annex as a distinction between used and end-of-life vehicles goes too far and poses the risk that repairable vehicles or vehicles intended to be used as parts suppliers could be classified as end-of-life vehicles and thus must necessarily be scrapped. Trade within the EU with such vehicles or their parts would be significantly hindered, which also poses the risk that the actual residual values of vehicles can no longer be realized. This constitutes an unjustified infringement on consumers' property rights.

Emenda 1453
Ivars Ijabs, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.	Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża. ***L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta s-sjieda tal-vetturi li għandhom affidabilità stradali hija ttrasferita minn persuni fiżiċi li ma humiex operaturi ekonomiċi, għal bejgħ li ma huwiex dak konklużpermezz ta' kuntratti mill-bogħod jew pjattaformi***

online.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-verżjoni attwali l-kliem tal-Artikolu 37(1) jipprevedi l-possibbiltà li titwettaq proċedura ta' bidla fis-sjieda għal vettura użata biss jekk il-vettura għandha ċertifikat tal-affidabilità stradali (RC) validu jew għal vettura li ma għandhiex RT validu iżda li għaddiet minn valutazzjoni f'konformità mal-Anness I tal-proposta. Hemm eċċezzjoni pprovduta li r-rekwiżit ta' hawn fuq ma japplikax għall-proċedura għall-bidla fis-sjieda mwettqa minn persuni fiżiċi fil-post tal-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-vettura rilevanti fiżikament.

Emenda 1454
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata ***jew lill-awtoritajiet kompetenti*** li l-vettura ma hijiex vettura ***fi*** ma għadhiex tintuża. ***Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk*** il-kriterji stabbiliti fl-Anness I ***humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża***.	Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata ***fuq talba tax-xerrej prospettiv*** li l-vettura ma hijiex vettura ***li*** ma għadhiex tintuża. ***Il-prova tista' tiġi pprovduta permezz ta' ċertifikat tekniku validu tal-affidabilità stradali. Fin-nuqqas ta' ċertifikat tekniku validu tal-affidabilità stradali, tista' tingħata prova permezz ta' valutazzjoni skont*** il-kriterji stabbiliti fl-Anness I. ***Dan ma jgħoddx fil-każ ta' trasferiment tas-sjieda ta' vetturi tajbin għat-triq minn persuni fiżiċi***.

Or. de

Emenda 1455
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura ***użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża***. ***Meta jiġi vvalutat l-istatus ta'*** vettura ***użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk*** il-kriterji ***stabbiliti*** fl-Anness I ***humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex*** vettura ***li ma għadhiex tintuża***.	Vettura ***tista' tiġi kklassifikata biss bħala vettura li ma għadhiex tintuża jekk hija abbandunata, fiha ħsara irreparabbli jew tippreżenta riskju ċar u li jista' jintwera għas-sikurezza tal-pubbliku jew għall-ambjent***. Il-kriterji fl-Anness I ***għandhom iservu biss bħala linji gwida indikattivi u ma għandhomx jikklassifikaw b'mod awtomatiku*** vettura ***bħala*** vettura ***li ma għadhiex tintuża mingħajr il-kunsens tas-sid, sakemm mhux iddeterminat mod ieħor minn deċiżjoni legalment vinkolanti tal-awtoritajiet nazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi fl-Artikolu 37 jipproteġu d-drittijiet tas-sjieda u jipprevjenu skrappjar furzat. Vettura għandha tkun ELV biss jekk abbandunata, fiha ħsara irreparabbli jew hija riskju għas-sikurezza jew ambjentali bil-provi. Il-kriterji tal-Anness I iridu jkunu indikattivi, mhux vinkolanti, u s-sidien ma għandhomx jeħtieġu dokumentazzjoni addizzjonali sakemm evidenza ċara ma tissuġġerix status ta' ELV. Ċertifikat ta' affidabilità stradali nieqes ma jridx jiġġustifika klassifikazzjoni ta' ELV. Dawn il-bidliet jiżguraw regoli ġusti, jevitaw burokrazija bla bżonn u jipproteġu d-drittijiet tas-sidien tal-vetturi.

Emenda 1456
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet	Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, ***id-detentur tal-vettura jew*** is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, ***id-detentur tal-***

kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.	***vettura jew*** is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. de

Emenda 1457
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.	Għall-fini tat-trasferiment ***tal-pussess jew*** tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu jkun jista' juri lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' reġistrazzjoni Ġermaniża taħtar lis-sid tal-vettura bħala l-persuna responsabbli għall-vettura fit-traffiku tat-triq. Is-sidien la huma rreġistrati u lanqas ikkontrollati. Għalhekk, ir-regolamenti jridu jindirizzaw kemm lis-sid kif ikoll lid-detentur.

Emenda 1458
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu ***jkun jista' juri*** lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***interessata li takkwista*** s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. ***Meta jiġi vvalutat l-istatus ta' vettura użata, is-sid tal-vettura, operaturi ekonomiċi oħra u l-awtoritajiet*** kompetenti ***għandhom jivverifikaw jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex vettura li ma għadhiex tintuża***.	Għall-fini tat-trasferiment tas-sjieda ta' vettura użata, is-sid tal-vettura għandu ***jipprovdi dokumentazzjoni*** lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ***li beħsiebha takkwista*** s-sjieda tal-vettura kkonċernata jew lill-awtoritajiet kompetenti li l-vettura ma hijiex vettura fi ma għadhiex tintuża. ***Din id-dokumentazzjoni għandha tikkonsisti minn ċertifikat tal-affidabilità stradali validu jew, meta mhux disponibbli, minn valutazzjoni f'konformità mal-Anness I ivverifikata mill-awtoritajiet*** kompetenti ***jew korpi oħra ċċertifikati mill-Istati Membri***.

Or. en

Emenda 1459
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2. Vettura ma għandhiex titqies bħala vettura li ma għadhiex tintuża jekk il-kostijiet tat-tiswija jaqbżu l-valur tas-sostituzzjoni tal-vettura, jekk
	(a) fi Stat Membru jkun hemm regola li tgħid li l-kostijiet tat-tiswija ma għandhomx jaqbżu l-valur ta' sostituzzjoni b'aktar minn 30 fil-mija, jew
	(b) is-sid jew il-persuna fiżika jew ġuridika interessata li takkwista s-sjieda turi li għandha interess leġittimu fit-tiswija jew ir-restawr tal-vettura jew fil-ħażna u l-użu tal-partijiet tagħha.
	Is-sid għandu jkun jista' juri fejn tinsab il-vettura jew il-partijiet tagħha u li tkun

ġiet maħżuna sew fi kwalunkwe ħin.

Or. de

Emenda 1460
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' korpi, apparti l-awtoritajiet kompetenti kif iddefinit fl-Artikolu -37, li jistgħu jiċċertifikaw il-valutazzjoni magħmula f'konformità mal-Anness I.
	F'każ ta' dubju li vettura użata tista' tkun vettura li ma għadhiex tintuża, l-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi ċċertifikati jistgħu jirrikjedu lil sid ta' vettura jippreżenta aktar dokumentazzjoni li l-vettura kkonċernata ma hijiex vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1461
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-sid tal-vettura ma għandux ikun meħtieġ jipprovdi dokumentazzjoni addizzjonali biex jagħti prova li vettura hija vettura użata sakemm awtoritajiet kompetenti ma jippreżentawx evidenza ċara li l-vettura tissodisfa l-kriterji tal-

vetturi li ma għadhomx jintużaw skont il-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1462
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	F'każ ta' telf sħiħ, dan l-istatus jeħtieġ li jkun ċar u mhux mitluf fi tranżazzjonijiet ta' sjieda.

Or. en

Emenda 1463
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Nuqqas ta' ċertifikazzjoni tal-affidabilità stradali valida ma għandux jitqies raġuni għall-klassifikazzjoni ta' vettura bħala vettura li ma għadhiex tintuża. L-ispezzjonijiet tal-affidabilità stradali għandhom jiddeterminaw biss jekk vettura tistax topera legalment fuq toroq pubbliċi u u ma għandhomx iservu bħala mekkaniżmu ta' klassifikazzjoni għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1464
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw irrispettivament mit-teknika ta' negozjar użata, inkluż permezz ta' rkanti ddedikati għall-operaturi ekonomiċi, kuntratti mill-bogħod jew pjattaformi online.

Or. en

Emenda 1465
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu responsabbli li jagħmlu determinazzjonijiet ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw legalment vinkolanti wara proċess xieraq, f'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-liġijiet nazzjonali ambjentali u tas-sikurezza. Ma għandha tintuża l-ebda deċiżjoni amministrattiva jew klassifikazzjoni ta' preżunzjoni bħala l-unika bażi għall-klassifikazzjoni ta' vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1466
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-vetturi użati ***għall-esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli u r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima***.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-vetturi użati ***jistgħu jiġu esportati sakemm ma ġewx ikklassifikati formalment bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw skont l-Artikolu 37, abbażi ta' deċiżjoni legalment vinkolanti minn awtoritajiet nazzjonali, wara proċess xieraq. Valutazzjonijiet awtomatizzati jew preżunzjonijiet amministrattivi ma għandhomx jiddeterminaw status ta' vettura li ma għadhiex tintuża***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi fl-Artikolu 38 jiżguraw li vetturi użati jistgħu jiġu esportati liberament sakemm ma humiex ikklassifikati formalment bħala ELVs permezz ta' deċiżjoni legali. Valutazzjonijiet awtomatizzati jew preżunzjonijiet ma jridux jiddeterminaw status ta' ELV. Dan jipprevjeni piżijiet amministrattivi bla bżonn, jipproteġi d-drittijiet tas-sidien u jevita restrizzjonijiet arbitrarji fuq esportazzjonijiet tal-vetturi, jiżgura proċeduri ġusti u trasparenti filwaqt li jżomm standards ambjentali u tas-sikurezza.

Emenda 1467
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-vetturi użati għall-esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli u r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-vetturi użati għall-esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli u r-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.

Or. en

Emenda 1468
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-vetturi użati ***jistgħu jiġu esportati biss jekk ikunu:***	3. Il-vetturi użati ***ma għandhomx ikunu soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni jew rekwiżiti ta' dokumentazzjoni addizzjonali sakemm ma ġewx ikklassifikati bħala vetturi li ma għadhomx jintużaw f'konformità mal-Artikolu 37. Nuqqas ta' ċertifikazzjoni tal-affidabilità stradali, fih innifsu, ma għandux ikun raġuni għall-klassifikazzjoni ta' vettura bħala vettura li ma għadhiex tintuża.***

Or. en

Emenda 1469
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) vetturi li ma għadhomx jintużaw abbażi tal-kriterji elenkati fl-Anness I;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1470
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Id-determinazzjoni ta' jekk vettura hijiex irreparabbli f'konformità mal-Anness I tista' titwettaq, pereżempju, minn sewwej approvat u awtorizzat jew korp rikonoxxut (eż. għaqda tal-karozzi).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jkun magħruf min hu permess jiddetermina jekk vettura tistax tissewwa jew le.

Emenda 1471
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meqjusa li għandhom affidabilità stradali fl-Istat Membru fejn il-vetturi ġew irreġistrati l-aħħar, f'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) u (b), u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/45/UE.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-punt (b) għandu jitħassar għaliex il-valutazzjoni ta' jekk vettura tikkwalifikax bħala vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Anness I diġà hija ċara u determinazzjoni binarja. Iż-żieda tal-kriterji tal-affidabilità stradali ma hijiex meħtieġa, għaliex din tikkumplika l-proċess u toħloq ostakli mhux iġġustifikati għan-negozju leġittimu ta' vetturi użati.

Emenda 1472
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meqjusa li għandhom affidabilità stradali fl-Istat Membru fejn il-vetturi ġew irreġistrati l-aħħar, f'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) u (b), u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/45/UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1473
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***meqjusa li*** għandhom affidabilità stradali ***fl-Istat Membru fejn il-vetturi ġew irreġistrati l-aħħar,*** f'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) u (b), u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/45/UE.	(b) għandhom affidabilità stradali f'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) u (b), u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/45/UE***;***.

Or. en

Emenda 1474
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-affidabilità stradali hija meqjusa bħala murija għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk id-dokument imsemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/45/UE kien validu fil-jum tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vettura użata fl-Unjoni, dment li ma reġatx ġiet irreġistrata qabel l-esportazzjoni mill-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit ta' ċertifikat ta' spezzjoni teknika validu għal esportazzjonijiet ta' vetturi użati jżid kostijiet u burokrazija bla bżonn, b'mod speċjali għall-vetturi kummerċjali fl-istokk. Vettura miżmuma tajjeb ma titlifx l-affidabilità stradali sempliċiment billi tkun wieqfa, li jagħmel l-ispezzjoni mill-ġdid qabel l-esportazzjoni mhux meħtieġa—b'mod speċjali minħabba li jitwettaq test ieħor fil-pajjiż tad-destinazzjoni. Iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu jekk ikun attwali fit-tneħħija mir-reġistru tal-UE, bi spezzjoni mill-ġdid tkun meħtieġa biss jekk il-vettura tiġi rreġistrata mill-ġdid fl-UE.

Emenda 1475
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 38 - paragrafu 3 - punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) l-affidabilità stradali hija meqjusa bħala murija għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk id-dokument imsemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/45/UE kien validu fil-jum tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vettura użata fl-Unjoni, dment li ma reġatx ġiet irreġistrata qabel l-esportazzjoni mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 1476
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) l-affidabilità stradali hija meqjusa bħala murija għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk id-dokument imsemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/45/UE kien validu fil-jum tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vettura użata fl-Unjoni,

dment li ma reġatx ġiet irreġistrata qabel l-esportazzjoni mill-Unjoni.

Or. en

Emenda 1477
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt bd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bd) l-affidabilità stradali hija meqjusa bħala murija għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk id-dokument imsemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/45/UE kien validu fil-jum tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni tal-vettura użata fl-UE, dment li ma reġatx ġiet irreġistrata qabel l-esportazzjoni mill-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

	3b. Meta jiġu individwati devjazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa u, fejn meħtieġ, jirrevokaw l-awtorizzazzjoni rilevanti.

Or. en

Emenda 1549
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. Billi l-produtturi, l-Organizzazzjonijiet b'Kompetenza fil-Qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi u l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jimmonitorjaw u jirrapportaw kwalunkwe każ suspettat jew ikkonfermat ta' nuqqas ta' konformità lill-awtoritajiet rilevanti.

Or. en

Emenda 1550
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u

attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni***, u vetturi mitlufa,*** kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ***u l-esportazzjoni*** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1551
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ***u ċ-ċertifikazzjoni tal-qerda,*** kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-Ċertifikat tal-Qerda huwa maħsub biex iservi bħala l-bażi tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni finali tal-vettura. Iċ-ċertifikati tal-qerda għall-vetturi għandhom jiżdiedu mal-lista ta' miżuri li l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jinfurzaw, bil-ħsieb li jipprevjenu attivitajiet illegali jew tħassib dwar responsabbiltà u sikurezza.

Emenda 1552
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-qerda kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1553
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u

l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ***u ċ-ċertifikazzjoni tal-qerda*** kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif iddikjarat f'emendi preċedenti, huwa importanti li tiġi enfasizzata l-importanza ta' Ċertifikat tal-Qerda (CoD) li jiffunzjona tajjeb għat-tneħħija tar-reġistrazzjoni finali tal-vetturi. L-Istati Membri għandhom jinfurzaw politiki tas-CoD biex jiżguraw protezzjoni ambjentali, jipprevjenu attivitajiet illegali u jindirizzaw tħassib dwar responsabbiltà. Barra minn hekk, il-bejjiegħa mill-bogħod u pjattaformi online jeħtiġilhom jikkonformaw mar-Regolament ELV u r-Regolament dwar is-Servizzi Diġitali, filwaqt li jiżguraw EPR għal vetturi mibjugħa online, jipprovdu lill-konsumaturi u lill-utenti finali l-assigurazzjonijiet meħtieġa.

Emenda 1554
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha ***u dawk doganali*** involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni***, l-esportazzjoni ta' vetturi użati,*** kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1555
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament, mekkaniżmi effettivi li jippermettu lil dawk l-awtoritajiet jikkooperaw u jikkoordinaw domestikament dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet ta' infurzar relatati mal-monitoraġġ tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni, is-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni ***u ċ-ċertifikazzjoni tal-qerda*** kif ukoll il-prevenzjoni tat-trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1556
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin, fuq livell bilaterali u multilaterali, sabiex jiffaċilitaw il-prevenzjoni u l-kxif ta' trattament illegali ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni u s-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni, permezz tas-sistema ta' skambju elettroniku msemmija fl-Artikolu 45. Huma għandhom jiskambjaw ukoll	L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin, fuq livell bilaterali u multilaterali, sabiex jiffaċilitaw il-prevenzjoni u l-kxif ta' trattament illegali ***u esportazzjoni*** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***u sabiex jindirizzaw il-kwistjoni ta' vetturi mitlufa***. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-tneħħija tar-reġistrazzjoni u s-sospensjoni u l-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni, permezz tas-sistema ta' skambju elettroniku

informazzjoni rilevanti dwar il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u l-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni mhux permessi bħala faċilitajiet awtorizzati ta' trattament, u faċilitajiet u operaturi ekonomiċi oħra, li jistgħu jwettqu operazzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Huma għandhom jaqsmu l-esperjenza u l-għarfien dwar il-miżuri ta' infurzar fi ħdan strutturi stabbiliti.

msemmija fl-Artikolu 45. Huma għandhom jiskambjaw ukoll informazzjoni rilevanti dwar il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u l-operaturi tat-tiswija u l-manutenzjoni mhux permessi bħala faċilitajiet awtorizzati ta' trattament, u faċilitajiet u operaturi ekonomiċi oħra, li jistgħu jwettqu operazzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. Huma għandhom jaqsmu l-esperjenza u l-għarfien dwar il-miżuri ta' infurzar fi ħdan strutturi stabbiliti.

Or. en

Emenda 1557
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-iskambju tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi għandu jinkludi l-aċċess għal u l-iskambju ta' data dwar il-prestazzjoni, u n-natura u r-riżultati tal-kontrolli mwettqa, mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament.	L-iskambju tad-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi għandu jinkludi l-aċċess għal u l-iskambju ta' data dwar il-prestazzjoni, u n-natura u r-riżultati tal-kontrolli mwettqa, mal-awtoritajiet kompetenti ***u doganali*** tal-Istati Membri l-oħra biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1558
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-informazzjoni nnotifikata mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 3,

tistabbilixxi u tissorvelja Network ta' Koordinazzjoni biex tiżgura koordinazzjoni effettiva ta' politiki ta' infurzar nazzjonali. In-Network ta' Koordinazzjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentanti ta' kull Stat Membru mill-Kummissjoni u tal-Kummissjoni. Il-Koordinazzjoni għandha tiltaqa' regolarment u fi kwalunkwe każ, darbtejn fis-sena.

Or. en

Emenda 1559
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex tiżgura li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw kollha jiġu ttrattati skont l-obbligi f'dan ir-Regolament, u tappoġġa lill-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod permanenti l-problema ta' vetturi mitlufa.

Or. en

Emenda 1560
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Il-kompiti tan-Network ta' Koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 3a għandhom ikollhom bħala l-objettiv tagħhom il-promozzjoni tal-aħjar prattiki sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni u l-

infurzar uniformi ta' dan ir-Regolament, l-iskambju ta' informazzjoni dwar problemi li jiffaċċjaw, l-iżvilupp ta' metodi ta' ħidma u għodod, l-iżvilupp ta' proċedura ta' skambju elettroniku ta' informazzjoni, id-diskussjoni dwar azzjonijiet ta' infurzar konġunti possibbli.

Or. en

Emenda 1561
Katri Kulmuni, Maria Guzenina, Anna-Maja Henriksson, Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ***tal-Artikolu 15(1), l-Artikolu 16, l-Artikolu 19(1), l-Artikolu 22(1) u (2), l-Artikoli 23 u 24, l-Artikolu 25(1) u (2), l-Artikoli 26 sa 32, u l-Artikoli 34, 35, 37 u 38*** ta' dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.	Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom. ***Il-penali tar-Regolament (UE) 2018/858 japplikaw għall-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 1562
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali stabbiliti skont dan l-Artikolu jqisu kif xieraq dawn li ġejjin, kif applikabbli:
	(a) in-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;
	(b) fejn ikun xieraq, il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;
	(c) il-kapaċità finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli;
	(d) il-benefiċċji ekonomiċi li jirriżultaw mill-ksur għall-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati;
	(e) il-ħsara ambjentali kkawżata mill-ksur;
	(f) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbli biex ittaffi jew tirrimedja l-ħsara kkawżata;
	(g) in-natura ripetittiva jew unika tal-ksur;
	(h) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ.
	Minbarra l-obbligu msemmi fl-Artikolu 49(3), il-punt (a), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar il-penali li jkunu imponew fis-sena preċedenti. Fil-każ li ma jkun ġie impost ebda penali f'sena partikolari l-Istati Membri ma humiex meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni.
	Kull sena, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fil-qosor dwar il-penali imposti mill-Istati Membri. Dak ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u għandu jiġi ppreżentat

lin-Network ta' Koordinazzjoni.

Or. en

Emenda 1563
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-għadd u l-piż ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw importati jew ittrasportati għal iktar trattament minn Stat Membru jew pajjiż terz ieħor;

Or. en

Emenda 1564
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) l-għadd ta' vetturi użati rilaxxati għall-esportazzjoni lejn Stat Membru jew pajjiż terz ieħor;

Or. en

Emenda 1565
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) l-għadd ta' vetturi użati importati minn Stat Membru jew pajjiż terz ieħor;

Or. en

Emenda 1566
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-ammont totali u l-piż tal-partijiet, tal-komponenti u tal-materjali mneħħija minn vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-finijiet ta';	***imħassar***
(i) użu mill-ġdid;	
(ii) rimanifattura jew rinnovazzjoni;	
(iii) riċiklaġġ;	
(iv) irkupru, inkluż l-irkupru tal-enerġija;	
(v) rimi;	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 49(1)(g) huwa perċepit bħala eċċessiv (kemm għal kumpaniji tal-immaniġġar tal-iskart kif ukoll għall-Istati Membri). Sabiex din in-notifika tkun tista' titwettaq kif suppost, irid isir sforz amministrattiv kbir.

Emenda 1567
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ma) il-kwantitajiet ta' komponenti li fihom ammonti ta' materja prima kritika mneħħija minn vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-kwantità ta' materja prima kritika rkuprata minn komponenti bħal dawn.

Or. en

Emenda 1568
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ma) il-kwantitajiet ta' komponenti li fihom ammonti ta' materja prima kritika mneħħija minn vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-kwantità ta' materja prima kritika rkuprata minn komponenti bħal dawn.

Or. en

Emenda 1569
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ewwel perjodu ta' rapportar għandu jkun l-ewwel sena kalendarja wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5.	L-ewwel perjodu ta' rapportar għandu jkun l-ewwel sena kalendarja wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 5. ***L-Istati Membri għandhom ikomplu jirrapportaw u jagħmlu pubblikament disponibbli l-informazzjoni***

f'dan l-Artikolu fil-bidu ta' kull sena kalendarja.

Or. en

Emenda 1570
Anja Arndt

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Kull 5 snin, l-Istati Membri għandhom ifasslu rapport li jiġbor fil-qosor:	***imħassar***
a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33;	
b) l-applikazzjoni ta' penali u sanzjonijiet oħra previsti fil-liġi nazzjonali tagħhom għall-ksur ta' dan ir-Regolament adottati f'konformità mal-Artikolu 48, inkluża lista tat-tip ta' ksur innotifikat u t-tipi ta' miżuri meħuda;	
c) ir-riżultati tal-ispezzjonijiet imwettqa f'konformità mal-Artikolu 46;	
d) il-mod tal-applikazzjoni tad-definizzjonijiet ta' "vettura li ma għadhiex tintuża" u "vettura użata", inklużi d-diffikultajiet prattiċi li wieħed jiltaqa' magħhom f'dak il-kuntest.	
L-Istati Membri għandhom jippreżentaw ir-rapport lill-Kummissjoni fi żmien 6 xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin li dan ikopri. L-ewwel rapport għandu jiġi ssottomess lill-Kummissjoni sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	
Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-	

rapporti ppreżentati mill-Istati Membri u, jekk ikun xieraq, tfassal rapporti dwar l-informazzjoni riċevuta sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki applikati fl-Istati Membri.

Or. de

Emenda 1571
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33;	(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33***, l-impatt ikkwantifikat tagħhom, u jistabbilixxu pjan għat-titjib ta' dawn l-inċentivi***;

Or. en

Emenda 1572
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33;	(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33***, l-impatt ikkwantifikat tagħhom, u jistabbilixxu pjan għat-titjib ta' dawn l-inċentivi***;

Or. en

Emenda 1573
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33;	(a) l-inċentivi introdotti biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti f'konformità mal-Artikolu 33***, u l-impatt ikkwantifikat tagħhom***;

Or. en

Emenda 1574
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri u***, jekk ikun xieraq,*** tfassal rapporti dwar l-informazzjoni riċevuta sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki applikati fl-Istati Membri.	Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri u tfassal ***u tippubblika*** rapporti dwar l-informazzjoni riċevuta ***sabiex tevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Memrbi u*** sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki applikati fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1575
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont u l-piż tal-partijiet, tal-komponenti u tal-materjali mneħħija għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(g), (h) ***u (i)***;	(i) il-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-ammont u l-piż tal-partijiet, tal-komponenti u tal-materjali mneħħija għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1(g), (h)***, (i) u (ma)***;

Or. en

Emenda 1576
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-format għar-rapportar lill-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 1, ***kif ukoll il-format għar-rapport tal-kontroll tal-kwalità.***	(b) il-format għar-rapportar lill-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 1, ***2 u 3***

Or. en

Emenda 1577
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(2).

Or. en

Emenda 1578
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u operaturi ekonomiċi rilevanti oħra jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'data akkurata u affidabbli li tippermetti lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan l-Artikolu.	6. Il-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u operaturi ekonomiċi rilevanti oħra ***għandhom*** jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'data akkurata u affidabbli li tippermetti lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1579
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 50	***imħassar***
Eżerċizzju tad-delega	
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.	
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport	

fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4), 38(7) u 40(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna kritiċi ħafna tal-għadd ta' dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Kummissjoni Ewropea s-setgħa li tadotta atti delegati. Aħna favur li dan il-kontenut jiġi inkluż direttament fir-regolament bħala parti minn proċess leġiżlattiv regolari u mhux mill-Kummissjoni tal-UE.

Emenda 1580
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4)***, 38(7)*** u 40(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 5(4), ***5(4)a, 5(8)a, 6(2), 6(2)b,*** 6(3), 6(4)***, 6(5)a***, 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4) u 40(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Or. en

Emenda 1581
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4)***, 38(7)*** u 40(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 5(4), ***5(4)a, 5(8)a, 6(2), 6(2)b,*** 6(3), 6(4)***, 6(5)a***, 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4) u 40(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Or. en

Emenda 1582
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(4), 6(3), 6(4), 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4)***, 38(7)*** u 40(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 5(4), ***5(4)a, 5(8)a, 6(2), 6(2)b,*** 6(3), 6(4)***, 6(5)a***, 7(3), 9(7), 11(3), 12(3), 21(2), 22(4), 27(4) u 40(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 1583
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 54a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 54a
	Emendi fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi
	(1) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:
	"g) "Tneħħija ta' reġistrazzjoni temporanja": għandha tfisser is-sospensjoni tar-reġistrazzjoni, abbażi ta' talba (mhux ex officio) tad-detentur tal-vettura jew tas-sid ta' vettura, jew it-tnejn, li matulha l-vettura hija temporanjament mhux permessa tintuża fit-traffiku tat-triq."
	(2) Jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:
	"Artikolu 5a
	Tneħħija ta' reġistrazzjoni temporanja
	Matul it-tneħħija ta' reġistrazzjoni temporanja, is-sid ta' vettura huwa meħtieġ jirrapporta bidliet fis-sjieda lill-awtorità tar-reġistrazzjoni. Tneħħija ta' reġistrazzjoni temporanja ma għandhiex tiġi kkonvertita f'kanċellazzjoni permanenti tar-reġistrazzjoni mingħajr prova b'waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 5b. Is-sidien għandhom jiġu mmultati jekk ma jkunux jistgħu juru fejn tinsab vettura b'reġistrazzjoni temporanjament imneħħija. L-Istati Membri għandhom jimponu tariffa amministrattiva ta' kull xahar lis-sid ta' vettura biex jirkupraw l-isforz amministrattiv relatat biex isegwu l-post fejn tinsab vettura għat-tul ta' żmien kollu tat-tneħħija ta' reġistrazzjoni temporanja. L-użu fuq art privata ma għandux ikun raġuni għal kanċellazzjoni permanenti

tar-reġistrazzjoni iżda għandha taqa' taħt tneħħija ta' reġistrazzjoni temporanja.

Artikolu 5b

Lista konklużiva ta' raġunijiet għal kanċellazzjoni permanenti tar-reġistrazzjoni

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-lista konklużiva li ġejja ta' raġunijiet għal kanċellazzjoni permanenti tar-reġistrazzjoni:

(i) Iċ-ċertifikat tal-qerda jiġi ppreżentat lir-reġistru tal-vetturi nazzjonali;

(ii) Rapport tal-pulizija li juri li l-vettura hija misruqa u mitlufa jiġi ppreżentat lir-reġistru tal-vetturi nazzjonali;

(iii) Dokumenti li juru li l-vettura hija esportata jiġu ppreżentati lir-reġistru tal-vetturi nazzjonali;

(iv) Eżenzjonijiet fuq talba speċifika: eż. vettura antika tinħażen f'tip ta' Mużew (privat): id-dokument ta' akkumpanjament juru l-kundizzjonijiet ta' fejn u kif il-vetturi hija maħżuna u għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità ta' reġistrazzjoni inkarigata."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dawn is-soluzzjonijiet għall-problema ta' vetturi mitlufa huma msemmija fil-Valutazzjoni tal-Impatt u fil-premessa 86.

Emenda 1584
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Sal-31 ta' Diċembru 203**** [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara ***95*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, is-saħħa ***tal-bniedem*** u l-funzjonament tas-suq uniku u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. ***Sa*** [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara ***84*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, is-saħħa u l-funzjonament tas-suq uniku u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emendar tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament***

Or. en

Emenda 1585
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-31 ta' Diċembru 203* [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara 95 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-funzjonament tas-suq uniku u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Sal-31 ta' Diċembru 203* [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara 95 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-funzjonament tas-suq uniku***, filwaqt li tqis ukoll l-esportazzjoni inklużi l-vjeġġi illegali,*** u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 1586
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1 Sal-31 ta' Diċembru 203*[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara 95 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-funzjonament tas-suq uniku u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Sal-31 ta' Diċembru 203*[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara 95 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq ***l-industrija tal-vetturi,*** l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-funzjonament tas-suq uniku u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. es

Emenda 1587
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-ħtieġa*** li jiġi estiż l-ambitu ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III, kif ukoll il-Kapitolu IV it-Taqsima II, għall-vetturi tal-kategoriji L3e, L4e, L5e, L6e u L7e kif definiti fl-Artikolu 4(2)***(c)*** sa (g), tar-Regolament (UE) 168/2013 u l-vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3 u O kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/858;	(a) ***l-impatt*** li jiġi estiż l-ambitu ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III, kif ukoll il-Kapitolu IV it-Taqsima II ***u l-Kapitolu V***, għall-vetturi tal-kategoriji ***L1e, L2e,*** L3e, L4e, L5e, L6e u L7e kif definiti fl-Artikolu 4(2)***(a)*** sa (g), tar-Regolament (UE) 168/2013 u l-vetturi tal-kategoriji M2, M3, N2, N3 u O kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/858;

Or. en

Emenda 1588
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-ħtieġa li jiġi emendat l-Artikolu 4 biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti ta' possibbiltà ta' użu mill-ġdid separati mill-possibbiltà ta' riċiklaġġ u revorabbiltà;

Or. en

Emenda 1589
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-ħtieġa li jiġi estiż l-ambitu ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-livelli fil-mira tar-riċiklaġġ, kif stabbilit fl-Artikolu 34, għall-kategoriji tal-vetturi li l-Artikolu 34 ma japplikax għalihom skont dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 1590
es Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-miżuri rigward iż-żamma ta' ruttam tal-metall ta' kwalità għolja fl-Unjoni u l-impatt possibbli tagħhom fuq il-limitazzjoni ta' esportazzjonijiet ta'

vetturi użati;

Or. en

Emenda 1591
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) l-impatt tal-miżuri rigward l-esportazzjoni ta' vetturi użati stabbiliti fil-Kapitolu V;

Or. en

Emenda 1592
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) Il-Kummissjoni għandha, sa [24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà ta' tiswija tal-vetturi u l-impatt ambjentali ta' tekniki ġodda ta' produzzjoni, bħall-użu ta' fondar f'biċċa waħda jew ta' tqegħid f'saffi tal-epossi f'batteriji elettriċi. Il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva ġdida li tindirizza l-possibbiltà ta' tiswija u l-impatt ambjentali ta' tekniki ġodda ta' produzzjoni għall-vetturi, jekk ikun meħtieġ, flimkien mar-rapport;

Or. ro

Emenda 1593
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) sa fejn il-kwistjoni ta' vetturi mitlufa ġiet solvuta, inklużi stimi tal-għadd ta' vetturi mitlufa, u miżuri addizzjonali possibbli fil-livell nazzjonali u Ewropew biex tittejjeb it-traċċabbiltà tal-vetturi;

Or. en

Emenda 1594
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) il-possibbiltà li jiġu stabbiliti miri sabiex jiżdied l-użu ta' materja prima b'bażi bijoloġika fi plastik użat fil-vetturi u rekwiżiti ta' sostenibbiltà għal materja prima b'bażi bijoloġika fi plastik użat fil-vetturi.

Or. en

Emenda 1595
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sal-31 ta' Diċembru 203*, ...

[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tas-sena ta' wara 95 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-istat tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-prestazzjoni ambjentali tal-plastik b'bażi bijoloġika fil-vetturi, filwaqt li tqis il-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/200. Abbażi ta' dak ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq:

(a) tistabbilixxi rekwiżiti ta' sostenibbiltà għal plastik b'bażi bijoloġika;

(b) tintroduċi miri ddedikati għall-użu ta' plastik b'bażi bijoloġika skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament;

(c) temenda, fejn xieraq, id-definizzjoni ta' plastik b'bażi bijoloġika stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (40).

Or. en

Emenda 1596
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sa ... [36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt li jqis studji eżistenti, biex tevalwa l-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-introduzzjoni ta' valuri fil-mira għall-fluwidi u għall-gassijiet tas-sistemi tal-arja kundizzjonata li jinsabu bħala mili inizjali mill-fabbrikant tat-tagħmir oriġinali (OEM) f'kull tip ta' vettura li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'suġġett daqstant tekniku, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-istudji għandhom assolutament jitqiesu.

Emenda 1597
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
